32006D0528

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2006/147/KE dwar l-introduzzjoni ta' tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja u dispożizzjonijiet relatati għall-movimenti fl-Olanda

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3338)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(2006/528/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 57(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/147/KE ta' l-24 ta' Frar 2006 dwar l-introduzzjoni ta' tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja u dispożizzjonijiet relatati għall-movimenti fl-Olanda [2] approvat il-pjan għal tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja, ippreżentat mill-Olanda lill-Kummissjoni fil-21 ta' Frar 2006 ("il-pjan ta' tilqim preventiv"). Ipprevediet ukoll ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fl-Olanda fejn jitwettaq tilqim preventiv f'ċerti intrapriżi tat-tjur ta' l-irziezet li jinsabu f'riskju partikolari ta' infezzjoni minn din il-marda, inklużi restrizzjonijie tal-moviment fuq tjur imlaqqam ta' l-irziezet.

(2) Skond il-pjan ta' tilqim preventiv, l-Olanda wettqet it-tilqim preventiv ta' tjur ta' l-irziezet "organiċi" u "miżmuma fil-miftuħ" u "tjur domestiku" kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja. Il-pjan ta' tilqim preventiv huwa proġett prototipiku minħabba li l-esperjenza li hemm hija limitata f'dak li għandu x'jaqsam ma' tilqim preventiv taħt kondizzjonijiet bħal dawn u għal uħud mill-ispeċi kkonċernati.

(3) Il-pjan ta' tilqim preventiv, kif ippreżentat mill-Olanda u approvat mid-Deċiżjoni 2006/147/KE, jipprevedi li tilqim preventiv irid jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2006. L-Olanda wettqet tilqim skond it-tilqim preventiv sa dik id-data.

(4) Skond l-obbligi għar-rappurtar taħt l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2006/147/KE l-Olanda ppreżentat rapport li fih tagħrif dwar il-pjan ta' tilqim preventiv u rrappurtat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali kif ukoll lil gruppi esperti ta' ħidma dwar l-użu ta' tilqim preventiv u talbet li tissokta b' dan it-tip ta' tilqim.

(5) Barra minn dan, fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Olanda, jidher li tinħtieġ esperjenza prattika ulterjuri fir-rigward ta' l-użu ta' tilqim preventiv kontra l-firxa ta' l-influwenza tat-tjur tas-subtip H5N1 b'patoġeniċità għolja. Għalhekk huwa xieraq li jiġi approvat tilqim preventiv ta' dan it-tip sal-31 ta' Lulju 2007.

(6) L-Olanda talbet ukoll l-approvazzjoni ta' ċerti emendi għall-pjan ta' tilqim preventiv ippreżentat fil-21 ta' Frar 2006, fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tiegħu bħal ma huma l-ispeċi li jridu jitlaqqmu, l-użu ta' tilqim bivalenti, l-identifikar ta' għasafar individwali fil-qtajja' ta' tjur domestiċi, il-post tat-tilqim u r-restrizzjonijiet fuq movimenti tat-tjur ta' l-irziezet ta' dan it-tip. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-emendi huma skond il-leġiżlazzjoni relevanti tal-Komunità.

(7) Id-Deċiżjoni 2006/147/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/147/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"(a) 'tjur domestiku' ifisser tiġieġ, dundjani u speċi oħra ta' l-ordni ta' *Galliformes* u papri, wiżż u speċi oħra ta' l-ordni ta' *Anseriformes* li jitrabbew mis-sidien tagħhom:

(i) sabiex jikkunsmawhom jew jużawhom huma nnfushom; jew

(ii) bħala pets."

[1] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
[2] ĠU L 55, 25.2.2006, p. 47.

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-pjan għal tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja kif ippreżentat mill-Olanda lill-Kummissjoni fil-21 ta' Frar 2006, u l-emendi lil dak il-pjan, inkluż l-issuktar ta' dan il-pjan sal-31 ta' Lulju 2007, kif ippreżentat mill-Olanda lill-Kummissjoni fid-29 ta' Ġunju 2006, huma approvati ('il-pjan ta' tilqim preventiv').

Skond il-pjan ta' tilqim preventiv, it-tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur għandu jiwettaq permezz ta' tilqima eterologa inattivata ta' l-influwenza tat-tjur tas-subtip H5 jew permezz ta' tilqima eterologa bivalenti li fiha ż-żewġ subtipi ta' l-influwenza tat-tjur H5 u H7 awtorizzati mill-Olanda fit-tjur domestiku, organiku u miżmum fil-miftuħ fl-Olanda."

(3) Fl-Artikolu 4, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Tjur domestiku mlaqqam għandu jkun identifikat individwalment u jista' jkun biss:

(a) ittrasportat lejn intrapriża domestika oħra fl-Olanda; jew

(b) miġbur temporanjament għal wirjiet u esibizzjonijiet fl-Olanda.

Movimenti u laqgħat ta' dan it-tip iridu jkunu skond il-pjan ta' tilqim preventiv, inkluż iż-żamma tar-reġistrazzjonijiet ta' movimenti u laqgħat ta' dan it-tip."

Artikolu 2

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda

Magħmul fi Brussell, nhar is-27 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni